MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Numru 358/2012

Il-Pulizija
(Spettur Jessica Grima)

vs

France Barbara

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 334183M, akkuzat talli:

1. fit-3 ta’ Jannar 2012 u fil-gimghat ta’ qabel, gewwa San Pawl il-Bahar u bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u kienu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ Visa Card tal-BOV u serq ta’ aktar minn 232.94 Ewro izda ma jiskorriex l-2,329.37 Ewro, ghad-dannu ta’ Norbert Grech, liema serq huwa aggravat bil-mezz u l-hin.

2. fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi fetah, b'ghemil doluz jew gieghel li jinfetah xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat lil Norbert Grech.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' u tigi deciza minn din il-Qorti.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza ssir sommarjament.

Semghet ukoll lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Stante l-verbal tal-lum stess mill-liema l-Qorti fehmet li l-ammont involut jidhol fil-parametri ta' serq semplici, wara li rat l-Artikolu 264 u 17(h) tal-Kap 9.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-xahar mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------